# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 226 – Il-Ħamis, 21 t'Ottubru, 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-6:00p.m.

Is-Sindku il-Perit Robert Musumeci ippressieda.

### PREŻENTI
Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera is-Sinjura Rita Psaila
Il-Kunsillier is-Sur Joseph Sammut
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo (sas-7:00pm)
Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta numru 225 ikunu approvati bħala dokument korrett.

Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI NRU 225

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienet saret l-applikazzjoni relevanti mal-MEPA. Il-Viċi-Sindku staqsa dwar iċ-ċaqliq tas-servizz tal-Go, Enemalta u l-Melita plc u s-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kien għadu qed jistenna tweġiba mingħand dawn l-entitajiet.

## 3 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU 224

**3.1 Stima ta' Xogħlijiet fi Triq Dr Nikola Zammit u Triq Dun Manwel Zammit**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn l-istimi ma sarux biex ikunu jistgħu isiru wara li jingħata t-tender ġdid tal-istreet resurfacing.

**3.2 Roundabout fi Triq Santa Margerita/ Triq Papa Pawlu VI**

Il-Viċi Sindku ippropona l-perit tal-Kunsill għandu jintalab jagħmel il-pjanti u t-talba neċessarja. Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**3.3 Sqaq fi Triq tal-Lawrenti**

B'referenza għat-talba tal-Viċi Sindku sabiex l-isqaq fi Triq tal-Lawrenti jingħata wiċċ ġdid kif ġie diskuss matul is-seduti preċedenti, is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-istima tal-materjal hija ta' €6,562 (125 metri @€52.50) u l-istima tax-xogħol mill-kuntrattur Nicholas Farrugia hija ta' €10,030. Fid-dawl ta' dan is-Sindku ippropona li għandha tintalab stima mingħand il-*Works Division*. Il-Viċi Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**3.4 Resurfacing ta' Toroq permezz tal-Public Private Partnership Scheme**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda rapport tal-Perit dwar it-toroq maqbula f'seduta nru 224.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar ippropona li għandhom jiżdiedu l-isqaqien ta' Pjazza San Ġwann u l-isqaqien li jonqos fi Triq San Ġwann. Il-Kunsillier Mark Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu li dawn għandhom jiddaħħlu fil-lista ta' toroq.

Il-Viċi Sindku qal li qabel nagħmlu t-talba mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali għandna ninkwadraw l-ispiża fil-budget tas-sena d-dieħla. Għalhekk ippropona li dan il-punt għandu jiġi diskuss fis-seduta li jmiss.

Is-Sindku filwaqt li ssekonda qal li ma jistax jinħela aktar żmien għax jista' jagħti l-kas li nitilfu l-offerta magħmula mill-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi diskussa fis-seduta li jmiss flimkien mal-budget għas-sena d-dieħla.

### 3.5 Proġett Pjazza

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda l-pjanti proposti u qal li din il-materja għandha tiġi diskussa f'seduta oħra. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 3.6 Bankini

Is-Sindku ippropona li fi żmien ġimgħa, il-kunsilliera għandhom jgħaddu lis-Segretarju Eżekuttiv lista ta' bankini li jidhrilhom li għandhom ħtieġa ta' bidla jew manutenzjoni. B'hekk tkun tista' titħejja stima tal-ispiża.

### 3.7 Ground tal-Football

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva diversi ittri jitolbu kif jistgħu jużaw il-ground tal-football. Is-Sindku qal li għandna ninfurmaw lin-nies dwar dan wara li jkun ġie ifformalizzat il-kuntratt mas-Siggiewi Football Club.

### 3.8 Open Day taċ-Ċentru Ċiviku – Villaġġ tal-Milied

Il-Viċi Sindku qal li l-Open day taċ-Ċentru Ċivku ġiet posposta għal data oħra sabiex tkun parti minn attività li tinkludi villaġġ tal-Milied fl-istess Ċentru Ċiviku. Għal din l-attività qed jiġi proposta li tintuża l-bitħa ta' wara tal-bini, jiġu involuti l-għaqdiet tal-lokalità li ser jintalbu jarmaw stands b'ikel u xorb assoċjat mal-Milied. Il-Viċi Sindku qal li din l-attività se ssir fil-*weekend* ta' qabel il-Milied u tkun koordinata wkoll mill-Kunsillier Joseph Sammut bl-għajnuna ta' diversi persuni oħra. L-għaqdiet kollha se jiġu mistiedna biex min irid jiġi jarma *stand* fil-bitħa u kulħadd jagħmel xi ħaġa tal-Milied.

L-ispejjeż għandhom jintużaw mill-flus *budgeted* għaċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 3.9 Stima ta' Qtugħ u għeluq tat-Twieqi

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-istima tal-qtugħ u għeluq tat-twieqi fl-eks uffiċċju tal-Kunsill tammonta għal €790, u l-istima tat-tliet twieqi ta' aluminium hija ta' €437.00.

## 4. FINANZI

### 4.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt, jiġu approvati kif inhuma.
Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:
Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

**F'dan l-istadju l-Kunsillier Dr Mark Vassallo talab li jkun skużat.**

## 5. MOZZJONI DWAR XOGĦOL FUQ TOROQ FIS-SIĠĠIEWI LI BAQA' MA TWETTAQX MILL-GVERN ĊENTRALI

Il-Kunsillier Nicholas Cassar ressaq din il-mozzjoni li kienet issekondata mill-Kunsilliera Rita Psaila u Jesmond Tanti.

"Fid-dawl tal-fatt li fil-15 t'Ottubru 2007, fid-diskors tal-budget għas-sena 2008, ħames xhur biss qabel l-aħħar elezzjoni ġenerali, il-Prim Minsitru Lawrence Gonzi, li dak iż-żmien ukoll kien ukoll Ministru tal-Finanzi, kien ħabbar li sa tmiem is-sena 2008 il-Gvern Ċentrali kellu jlesti x-xogħol fuq ftit aktar minn erba' mija u sittin triq residenzjali,

"fil-dawl tal-fatt li fis-Siġġiewi, il-Gvern Ċentrali kien wiegħed fost oħrajn xogħol fi Triq it-Tank u f'parti minn Triq Angelo Dorini, iżda sal-lum, iktar minn sena u nofs wara li suppost tlestew, dan ix-xogħol għadu ma sarx,

"il-Kunsill Lokali Siġġiewi jintrabat li fost oħrajn, permezz ta' stqarrijiet fil-mezzi tax-xandir, permezz ta' attivitajiet pubbliċi bħal konferenzi tal-aħbarijiet u permezz ta' ittri personalizzati, iżomm lir-residenti milquta infurmati b'dawn il-fatti. U dan biex nikkonfermaw l-impenn tagħna bħala Kunsill Lokoli li nibqgħu naħdmu u ninsistu biex jitwettaq dak li jkun imwiegħed lir-residenti tas-Siġġiewi;

"Il-Kunsill Lokali Siġġiewi jaqbel ukoll li jgħaddi vot ta' kundanna fil-konfront tal-Gvern Ċentrali għall-fatt li dak li kien imwiegħed lir-residenti Siġġiwin baqa' ma twettaqx minkejja li għadda daqshekk żmien."

Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Cassar jekk kienx beħsiebu jirtira din il-mozzjoni, minħabba l-fatt li Triq Angelo Dorini tlestiet riċentament, u Triq it-Tank infetħet temporanjament minn Transport Malta biex ikunu moqdija r-residenti sakemm tinqata' kawża li hemm il-qorti u t-triq tkun tista' ssir b'mod permanenti.

Il-Kunsillier Cassar li ma kienx se jirtira l-mozzjoni u għahekk il-Kunsill għadda biex jivvota, bl-eżitu jkun:-

3 voti favur: Il-Kunsilliera Nicholas Cassar, Rita Psaila u Jesmond Tanti.
3 voti kontra: Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Joseph Sammut.

Wara li s-Sindku ta l-*casting vote* tiegħu, il-mozzjoni ma kinitx approvata bi 3 voti favur u 4 voti kontra.

# 6. KUNTRATTI

## 6.1 Cleaning & Maintenance of Public Convenience LCS 28/2010

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li b'kollox kienu daħlu sitt offerti. Is-Sindku ppropona li jinħatar bord ta' aġġudikazzjoni magħmul mill-Kunsilliera Joseph Sammut u Jesmond Tanti, mis-Segretarju Eżekuttiv u l-Works Manager biex sa seduta oħra jħejji rapport billi jiltaqa' mal-offerenti u jeżamina l-offerta tagħhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kuntratt mas-Sur Wilson kien se jiskadi nhar il-Ħadd 24 t'Ottubru.

Is-Sindku ippropona li b'mod urġenti s-Segretarju Eżekuttiv għandu jsib persuna li tieħu ħsieb il-latrini sakemm jibda jopera l-kuntrattur il-ġdid.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6.2 Service of an Architect on Contractual basis LCS 24/10

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienu daħlu 6 offerti. Wara li l-Kunsill eżamina r-rati offruti s-Sindku ippropona li dan il-kuntratt għandu jingħata lill-Perit David Vassallo.

Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6.3 Cleaning & Clearing of Urban & surfaced non urban areas LCS 23/10

Is-Sindku qal li kienu daħlu żewġ offerti. Huwa ippropona li tingħata lil Mario Mizzi fuq bażi li kien l-irħas offerent.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6.4 Resurfacing of Roads LCS 25/10

Is-Sindku qal li kienu daħlu 5 offerti bl-irħas waħda tkun ta' Bonnici Bros Ltd., Huwa ippropona li dan il-kuntratt għandu jingħata lill-imsemmija kumpanija.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6.5 LCS 39/09 Service of Patching Works

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-ewwel sena ta' dan il-kuntratt kienet se tiskadi fil-25 t'Ottubru, 2010. Is-Sindku ippropona li dan il-kuntratt għandu jiġġedded għat-tieni sena tiegħu.
Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat.

**6.6 LCS 35/09 Collection of Bulky Refuse**
Is-Segretarju Eżekuttiv informal ill-Kunsill li l-ewwel sena ta' dan il-kuntratt kienet se tiskadi fil-25 t'Ottubru, 2010. Is-Sindku ippropona li dan il-kuntratt għandu jiġġedded għat-tieni sena tiegħu.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsilll qabel b'mod unanimu.

**6.7 LCS 29/09 Collection of mixed household waste**
Is-Segretarju Eżekuttiv informal ill-Kunsill li l-ewwel sena ta' dan il-kuntratt kienet se tiskadi fil-25 t'Ottubru, 2010. Is-Sindku ippropona li dan il-kuntratt għandu jiġġedded għat-tieni sena tiegħu.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsilll qabel b'mod unanimu.

# 7 KORRISPONDENZA

**7.1 Bankina fi Triq Manwel Bonnici**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja ta' ittra mibgħuta minn Mario Micallef ta' Triq Manwel Bonnici li tikkonċerna rapport lill-pulizija magħmul mill-Kunsill dwar każ ta' żgumbrament ta' bankina.

Il-Viċi-Sindku ippropona li meta jkun hemm rapporti bħal dawn, għandna niktbu lir-residenti konċernati biex jirregolarizzaw is-sitwazzjoni, u mhux nirrapurtaw aħna lill-pulizija.

Rigward il-każ tas-sur Micallef, huwa qal li għandna ninfurmawh li l-liġi tgħid li ma tistax tagħmel l-ebda ostaklu fuq il-bankina u kulħadd huwa responsabbli ta' għemilu. Il-Kunsill ma jagħti l-ebda awtorizzazzjoni lil xi ħadd biex jiżgombra bankina anzi jħeġġeġ biex dan ma jsirx.

Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**7.2 Talba għal attività mill-*Malta Community Chest Fund***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab biex issir attività ta' ġbir ta' fondi b'risq il-Malta Community Chest Fund fid-19 u l-21 ta' Novembru. Is-Sindku qal li billi din it-talba kienet qed issir b'*short notice*, ikun diffiċli biex nagħmlu attività u għalhekk ippropona li ninfurmaw li fiċ-ċirkostanzi din it-talba ma tistax tintlaqa'.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**7.3 Proġett ta' Landscaping f'*Ramija Housing Estate***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva mingħand il-Housing Authority li dan il-proġett ma kienx approvat madankollu nistgħu napplikaw għalih fi Skema ta' Reġenerazzjoni għas-Sena 2011. Huwa kompla jgħid li kien se jiltaqa' mas-CEO tal-Awtorità biex jara x'tinvolvi din l-iskema.

### 7.4 Għar Lapsi

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara laqgħa li huwa kellu mad-Direttur Ġenerali tal-Artijiet u mad-Direttur Ġeneral tal-Works Division, fil-preżenza tal-Perit tal-Kunsill David Vassallo, kien ġie deċiż li fejn hemm mil-periklu jingħalaq temporanjament. Wara dan, se ssir spezzjoni mill-ħaddiema tal-Works Division.

Huwa kompla jgħid li kien sar suġġeriment mill-periti tal-Works Division li l-pathway eżistenti titwessa' u għandha ssir applikazzjoni mal-MEPA u ssir talba għall-fondi mill-Fond Speċjali.

Is-Sindku ippropona li għandna nagħmlu din l-applikazzjoni.
Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 8 ĊENTRU ĊIVIKU

Il-Viċi Sindku qal li fl-aħħar seduta kien informa lill-Kunsill li kien għaddej bil-proċess ta' tlestija tal-pjanti taċ-Ċentru Ċiviku b'mod partikolari dawk tad-*Day Care Centre* għall-Anzjani. Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li l-pjanta issa kienu tlestew u għalhekk ippreżentahom lill-Kunsill sabiex jiġu diskussi u approvati.

Il-Viċi Sindku spjega li l-pjanti kienu indentiċi għal dawk li kienu ppreżentanti fl-aħħar seduta b'xi tibdiliet żgħar b'mod partikolari fl-ewwel sular minn fejn ser jopera l-Kunsill.

Wara diskussjoni fost il-membri tal-Kunsill u numru ta' kjarifiċi mill-Viċi Sindku, l-istess Viċi Sindku ippropona li l-Kunsill japprova l-pjanti ppreżentati u jinkariga lill-Periti responsabbli mill-proġett sabiex minnufih jippreżentaw applikazzjoni lill-MEPA għall-ksib tal-permessi meħtieġa.

Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 9. HWEJJEĠ OHRA

### 9.1 Sieqja tal-ilma fi Triq Tal-Imqabba

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien daħal ilment dwar sieqja tal-ilma li kienet ingħalqet wara li kien ingħata l-wiċċ tat-triq fi Triq l-Imqabba, dan minħabba li t-triq ġiet taqleb in-naħa l-oħra.

Is-Sindku ippropona li din is-sieqja għandha ssir. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda.Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 9.2 Sinjal tat-traffiku fi Triq Mons Mikiel Azzopardi

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienet daħlet talba biex isir road marking fin-nofs tat-Triq Mons Mikiel Azzopardi, matulha kollha. Is-Sindku ippropona li dan għandu jsir. Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 9.3 *Traffic calming measure* fi Triq Dr Nikola Zammit

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li kien sar inċident stradali, daħlu diversi talbiet biex isir traffic *calming measure* fi Triq it-Tabib Nikol Zammit bejn il-bandli u r-roundabout fejn hemm l-istatwa ta' Dr Nikola Zammit.

Il-Viċi Sindku qal din hija sitwazzjoni identika għal dik taż-żona ta' Triq Santa Margherita u Triq Pawlu VI u għalhekk ippropona li l-Kunsill jinkarigah sabiex jiltaqa' mal-Perit tal-Kunsill rigward din is-sitwazzjoni bil-għan li jitfasslu miżuri xierqa ta' immaniġġjar ta' traffiku.

Is-Sindku ippropona wkoll li eventwalment il-Kunsill għandu jagħmel talba lil *Transport Malta*. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda l-proposti tal-Viċi Sindku u tas-Sindku u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 9.4 Parking Bays fi Triq Dun Manwel Zammit

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li saret talba biex fil-parti ta' isfel ta' Triq Dun Manwel Zammit fin-naħa ta' Triq il-Papa Pawlu VI isiru *parking bays*.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti ippropona li dawn għandhom isiru, il-Kunsillier Joseph Sammut isskeonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 9.5 Servizz ta' IT Support fl-Uffiċċju tal-Kunsill

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien talab tliet offerti rigward is-servizz ta' mantiment tal-IT fl-uffiċċju tal-Kunsill. Huwa qal li l-irħas offerta kienet ta' Access Point għall-prezz ta' €236 fix-xahar. Is-Sindku ippropona li għandna nilqgħu din l-offerta. Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 9.6 Talba għall-mera fit-telgħa tal-Girgenti

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienet saret talba għall-mera fil-kantuniera mat-telgħa ta' Għajn il-Kbira. Il-Viċi-Sindku qal li din kienet diġà hemm qabel ma tkissret u għalhekk ippropona li għandha tinbidel. Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 9.7 Talba għal *double yellow lines* fi Triq Mons Mikiel Azzopardi

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva talba mingħand ir-resident ta' 172, Triq Mons Mikiel Azzopardi biex isiru *double yellow lines* fit-trejqa li tagħti għal Ramija Housing Estate. Dan minħabba li qed jipparkjaw il-karrozzi bil-konsegwenza li din it-triq qed tidjieq.

Is-Sindku ippropona li għandha ssir talba lil Transport Malta. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 9.8 Talba għall-mera fi Triq ta' Bur-il Kbir

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li minkejja li kienet saret *traffic calming measure* fi Triq li minn San Dawdar tagħti għat-triq ta' Bur il-Kbir, ħdejn ir-ruħ, xorta waħda qegħdin isiru diversi talbiet biex il-mirja li tkissru kemm-il darba jitbiddlu. Is-Sindku ippropona li dawn għandhom isiru. Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 9.9 *Crash Barriers* fi Triq l-Andar

Il-Viċi-Sindku stqasa dwar *crash barriers* li saru fi Triq l-Andar kantuniera ma' Triq Mons Mikiel Azzopardi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għalkemm kien hemm talba dwarhom mal-Kunsill, ma sarux mill-Kunsill imma jinsab infurmat li saru minn Transport Malta. Il-Viċi-Sindku qal li wasal iż-żmien li niktbu lil *Transport Malta* fejn jiġi reġistrat magħha li mhux aċċettabli li jsiru xogħolijiet minnha u l-Kunsill ma jkunx infurmat.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 9.10 Aħbar fil-gazzetti relatata mal-Kunsill

Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li riċentament kien hemm aħbar fil-gazzetti dwar il-Kunsill liema aħbar ma kinitx korretta. Il-Viċi Sindku spjega li l-aħbar kienet tikkonċerna xhieda li ngħatat fil-Qorti dwar talba li kienet saret lill-Kunsill sabiex jagħti għajnuna biex tiġi organizzata attività ħdejn is-Salib tal-Għolja f'Ġunju 2009.

Il-Viċi Sindku qal fil-gazzetti ġie rrappurtat li fix-xhieda ingħad li l-Kunsill kien irrifjuta li jagħti l-permess għal din l-attività. Il-Viċi Sindku spjega li dak li ingħad ma kienx korrett peress li l-Kunsill qatt ma ġie mitlub jagħti permess u li għalhekk ma setax jiddeċiedi dwar hekk. Huwa spjega wkoll li f'dan il-każ il-Kunsill kien ġie mitlub jagħti għajnuna biex tkun tista' tiġi organizzata din l-attività.

F'dan l-istadju l-Kunsillier Jesmond Tanti staqsa min kien ressaq it-talba u għal liema attività kienu jirreferu l-gazzetti. Il-Viċi Sindku spjega li x-xhieda kienet ingħatat mill-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera u li kien il-Kunsillier Jesmond Tanti li kien ressaq t-talba tal-Maġistrat Scerri Herrera quddiem il-Kunsill f'April 2009.

Il-Viċi Sindku qal li hu xtaq jiċċara li l-Kunsill qatt ma ddeċieda li ma jagħtix il-permess peress li dan ma kienx ġie mitlub. Il-Viċi Sindku qal li minflok il-Kunsill għażel li jesprimi biss it-tħassib tiegħu dwar l-għażla tal-post u jieqaf hemm tant li eventwalment il-Kunsill kien ġie nfurmat li l-persuna ma kinitx għadha interessata li torganizza l-attivita.

**9.11 Approvazzjoni tal-*Bus shelters***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva mingħand l-*Urban Investment Fund* li dan kien approva t-talba tal-Kunsill biex isiru l-*bus shelters* fi Triq il-Għid u Triq Mons Mikiel Azzopardi u issa seta' jipproċedi bl-ordni tagħhom.

**9.12 Attivitajiet Kulturali**

Il-Kunsilliera Rita Psaila qalet li s-sotto kumitat għall-familja kien se jorganizza *coffee morning* u *weekend break*, liema attivitajiet huma kollha *self-financed*.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**9.13 Talba ta' tiswija ta' *Drive In* fi Triq Ta' Brandin**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar li s-sur Ġużeppi Busuttil ilu jitlob biex isir patching f'drive-in fl-imsemmija triq. Il-Viċi-Sindku qal li trid issir distinzjoni bejn art tal-Gvern u art pubblika. Id-drive-in in kwistjoni hija f'art tal-Gvern imma mhijiex f'art pubblika u għalhekk ma taqax fir-responsabbiltà tal-Kunsill li jsewwiha.

Is-Sindku qal li t-talba trid issir mad-Dipartiment tal-Artijiet.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku ddikjara s-Seduta bħala magħluqa fit-8:30pm ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **nhar il-Ħamis 4 ta' Novembru fil-5:30pm.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

| | |
|---|---|
| **Il-Perit Robert Musumeci** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum il-Ħamis 3 ta' Novembru 2010**

APPROVAL OF PAYMENTS

| DETAILS | DEBIT | CREDIT |
|---|---|---|
| mepa building levy refund monument guze delia | | 11.71 |
| bbq lapsi | | 14.00 |
| cranes (up to 2424) | | 16.31 |
| aerobics oct10 | | 30.00 |
| wsc - trenching sept10 invoice | | 32.62 |
| bbq lapsi | | 42.00 |
| cranes up to 2442 | | 44.27 |
| cranes up to 2459 | | 44.27 |
| wsc - trenching july10 invoice | | 44.27 |
| tenders | | 50.00 |
| tenders | | 50.00 |
| tenders | | 50.00 |
| wsc - trenching aug10 invoice | | 58.25 |
| aerobics oct10 | | 75.00 |
| craines -2480 | | 86.21 |
| filming donation | | 100.00 |
| tenders | | 100.00 |
| tenders | | 100.00 |
| tenders | | 150.00 |
| tenders | | 250.00 |
| tenders | | 250.00 |
| outing 19/10/10 | | 291.50 |
| les august10 | | 429.75 |
| aerobics oct10 | | 450.00 |
| les sept10 | | 695.54 |
| wsc - trenching reinstatement agreement 2007 | | 15950.00 |
| a.aquilina - attendance library sept10 20hrsx5.83 | 116.60 | |
| abakus - website hosting 2010 inv1785 | 135.70 | |
| access point - system administration sept10 inv1356 | 211.98 | |
| agnes borg - bonus pro-rata sept10 | 19.03 | |
| andrew vassallo - manhole covers po90/10 inv 1433 | 337.76 | |
| angelo bonello - rent of garage 22/9/10-21/9/11 inv04 | 465.87 | |
| anthony pace - lighting arrangements wine festival | 320.00 | |
| arms - electricity bowling pitch 14/5/10-13/9/10 | 466.13 | |
| arms - electricity gnejnet l-armonija 14/5/10-13/9/10 | 460.17 | |
| avantech - toner x2 inv138904 | | |
| bestprint - printing avviz moving premises inv6952 | 126.00 | |
| bestprint - printing leaflets lifelong learning inv6952 | 126.00 | |
| bgr - electrical repairs council new premises inv105 | 228.11 | |
| borg bros - moving of furniture etc to new premises 27/28/8/10 inv1949 | 1307.44 | |
| buon apetit restaurant - outing rita 19/10/10 inv6780454 | 216.00 | |
| callus - planting public spaces aug10 inv1163 | 1452.30 | |
| callus - planting public spaces sept10 inv1175 | 1,452.30 | |
| cassie camilleri - clerikal work saturdays sept 16hrsx7.2 | 115.20 | |
| central asphalt - cold asphalt for patching sept10 inv38591 | 1992.01 | |
| districts - patching fawwara job66 inv2651 | 1131.73 | |
| districts - patching hal xluq job204 inv2659 | 797.88 | |
| districts - patching panoramic road job246 inv2659 | 858.79 | |
| districts - patching ta manduca job138 inv2654 | 884.60 | |
| districts - patching tad-dikkiena job185 inv2659 | 952.39 | |
| doi - advert tender lcs28/10 | 18.64 | |
| emanuel gafa' - tuition of arts and crafts 19 students x 35 | 665.00 | |
| go - 21462946 aug10 | 134.10 | |
| go - 21462946 sept10 | 29.00 | |
| go - 21465799/21465805 aug10 | 286.51 | |

APPROVAL OF PAYMENTS

| | | |
|---|---|---|
| go - 21465799/21465805 sept10 | 204.71 | |
| go - 21466000 aug10 | 224.65 | |
| go - 21466000 sept10 | 19.10 | |
| go - 21468874 aug10 | 242.56 | |
| go - 21468874 sept10 | 58.92 | |
| grace mizzi - cleaning council premises sept10 | 237.66 | |
| grace mizzi - detergents inv9565 | 10.73 | |
| greenlines - hire of toilets tal-providenza po87/10 inv19859 | 118.00 | |
| greenlines - mobile toilets hal xluq po88/10 inv19659 | 118.00 | |
| honoraria july10 | 596.50 | |
| honoraria sept10 | 596.50 | |
| j.gatt - cm fee august10 | 732.82 | |
| j.gatt - cm fee sept10 | 565.55 | |
| j.penza - dismantling of 6 ac units inv43 | 150.00 | |
| kumitat kongunt - les aug10 invcjc300 | 899.85 | |
| kumitat kongunt - les sept10 invcjc306 | 415.52 | |
| laco - kunsill lokali plate inv630 | 49.34 | |
| lidl - washing detergents (to pay ritienne) | 13.78 | |
| m.muscat - sept10 bonus | 121.13 | |
| maltapost - stamps 1000 | 190.00 | |
| milord - cleaning non urban sept10 inv240 | 3780.34 | |
| mitts - wide area connectivity oct-dec10 inv36 | 416.85 | |
| n.baldacchino - petrol expenses august10 | 69.00 | |
| n.baldacchino - petrol expenses sept10 | 71.00 | |
| n.baldacchino - sept10 bonus | 121.13 | |
| nexos - rental lighting equipment for wine festival inv8686 | 2124.00 | |
| nexos - repair street lighting inv2008730 | 1492.11 | |
| nick's ironmongery - operating materials inv1126 | 236.70 | |
| p.cutajar - coffee pods /sugar inv521042 | 86.00 | |
| panta - relocation of photovoltaic system to new premises inv53914 | 1165.00 | |
| pavi - 4 pks milk x 4 bts (to pay ritienne) | 11.40 | |
| philip agius - cold asphalt for patching inv29808 | 109.34 | |
| philip agius - diff in bill1 triq san nikola ref chq7390 (new bill1 ) | 3,811.04 | |
| philip agius - patching dr nik/hal kbir/brija bill32010 (4388.56-mf) | 4,210.16 | |
| philip agius - patching kircippu bill 42010 (3333.56-mf) | 3,198.05 | |
| pierre farrugia - minerals inv53 | 96.00 | |
| r.giorgino - sept10 bonus | 121.13 | |
| r.psaila - tokens for outing 19/10/10 | 61.95 | |
| raymond attard - ss sept10 inv2543 | 3538.25 | |
| rj video - filming/editing mixghela inv150910 | 118.00 | |
| rj video - filming/editing wine festival inv150910 | 177.00 | |
| rj video - filming/editing wirja agrarja inv150910 | 259.60 | |
| salaries sept10 | 4385.53 | |
| savior bonello - railing ghar lapsi inv256 | 961.70 | |
| schembri - transport gozo 28/7/10 | 118.00 | |
| schembri - transport to airport (cipru) 15/9/10 | 94.40 | |
| secom - shifting telephone system/intercom to new premises inv5246 | 682.40 | |
| smart - detergents po127/10 inv13017926 | 41.70 | |
| smart - stationery inv13017239 po114/10 | 48.70 | |
| smart - stationery po127/10 inv13017926 | 143.48 | |
| technosoft - addition to software payroll inv7410 | 70.80 | |
| vassallo photo studio - photo service wirja wine fest inv27 | 94.40 | |
| vodafone - 99491670 august10 | 88.61 | |
| vodafone - 99491670 sept10 | 83.40 | |
| vodafone - 99762218 august10 | 92.70 | |
| vodafone - 99762218 sept10 | 92.70 | |

APPROVAL OF PAYMENTS

| | | |
|---|---|---|
| wasteserv - waste august10 inv315 | 4502.80 | |
| wasteserv - waste july10 inv314 | 4502.80 | |
| wasteserv - waste june10 inv313 | 4502.80 | |
| wasteserv - waste sept10 inv316 | 4502.80 | |
| wilson mifsud - cleaning of ghar lapsi bay 14/6/10-30/9/10 inv28/9/10 | 1,374.33 | |
| wilson mifsud - pc july10 less 40.48 default 5% | 769.04 | |
| xuereb - bulky sept10 127 calls x 4.5-mf | 548.27 | |
| xuereb - waste collection 26/8/10-25/9/10 inv73 | 5711.41 | |
| | | |